KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

Marka

EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2015/2016

Livell: **CCP**

IT-TIELET SENA | **L-ISTORJA:Karta tal-għalliema** | **ĦIN: 10 Minuti**

Eżerċizzju A: Ħares lejn is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)

1. Il-Belt Valletta nbniet qabel jew wara l-Assedju l-Kbir? (2)
2. X'kien jisimha l-għolja li fuqha nbniet il-Belt Valletta? (2)
3. Min kien il-Granmastru li beda l-bini tal-Belt Valletta? (2)
4. (Ġlormu Cassar, Franġisku Laparelli, Lorenzo Gafa', Renzo Piano) kien il-perit li ddisinja l-Belt Valletta. (2)
5. X'forma għandhom it-toroq tal-Belt Valletta? (2)

Eżerċizzju B: Ħares lejn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet fuq il-bini tal-Belt Valletta. (3 marki)

1. Il-bini fil-Belt Valletta ma telax bl-addoċċ. Kien hemm regoli li riedu jimxu magħhom. Ħares lejn dawn is-sorsi u semmi tliet regoli li għamlu fuq il-bini li nbena fil-Belt Valletta. (3)

Eżerċizzju Ċ: Ħares lejn il-bini importanti fil-Belt Valletta u wieġeb il-mistoqsijiet. (9 marki)



Sors A

Sors B

Sors Ċ

Sors D

Sors E

1. Liema sors qed juri l-Kon-Katidral ta' San Ġwann? (1)
2. (Franġisku Laparelli, Ġlormu Cassar, Perellos, Renzo Piano) kien il-perit li għamel il-pjanta tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. (1)
3. L-isptar tal-Kavallieri kien jissejjaħ (Berġa, Sacra Infermeria, Kastellanija, Monte di Pietà). (1)
4. Liema sors qed juri l-isptar tal-Kavallieri? (1)
5. Liema sors qed juri l-Palazz tal-Granmastru? (1)
6. X'qed jintuża llum dan il-Palazz? (1)
7. Il-Kavallieri kienu joqogħdu f'bereġ. F'sors E hemm berġa li llum tintuża bħala l-uffiċju tal-Prim Ministru. Din il-berġa hija magħrufa bħala (ta' Provenza, ta' Aragona, ta' Kastilja). (1)
8. L-istil ta' bini ta' din il-berġa huwa dak (Mannerista, Rinaxximentali, Barokk). (1)
9. F'sors D wieħed jista' jara l-aħħar bini li nbena fi żmien il-Kavallieri. F'dan il-bini nsibu ħafna kotba antiki. Kif inhu magħruf dan il-bini? (1)

Eżerċizzju D: Ħares lejn dawn is-sorsi u semmi tlett ibliet Maltin. (3 marki)